**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 1072/2019**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Karl Vella Petroni**

**<u>Illum, 9 ta' April 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Karl Vella Petroni** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0000382M** , akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fis-sitta (6) ta' Marzu, 2019, għall-ħabta ta' 19.00hrs fi Triq Loius Wettinger Mellieha;

1. Saq jew ippruva issuq jew kellek kontroll ta' vettura Nru BCC 903 fi triq jew f'post meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

2. W'aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura nru BCC903 f'post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjoni tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt.

3. U b'nuqqas ta' ħsiebu bi traskuraġġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġunajt ħruq jew għamilt xi ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa meta nvolontarjament ikkaġunajt ħsarat fuq roundabout liema ħsara hija fit-turf shrubs electrical equipment u fil-kerb għad-dannu ta' Environmental Landscapes Consotium Ltd.

4. Soqt l-imsemmija vettura BCC903 mingħajr ma kienitx liċenzjata mill-Awtorijiet għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda).

5. W'aktar in sirt reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) datata 13/3/2018 mill-Maġistrat F Depasquale LLD liema sentenza saret difinittiva u ma tistax tiġi mħassra.

Il-Qorti kienet ġentilment li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mill—liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur :

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Settembru,2023, sabithu ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u ikkundannatu sena (1) ħabs effettiv u iddiskwolifikatu mill-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal żmien sena (1) liema perijodu għandu jibda jiddekorri wara li jkun skonta l-piena karċerarja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Karl Vella Petroni, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nharl-10 ta' Ottubru ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellate u dana billi;

- Tirrevoka u tħassar is-sentenza msemmija fil-parti fejn instab ħati tar-raba' imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appallent Karl Vella Petroni li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

- Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta sabet ħtija fir-rigward tar-raba' imputazzjoni. Dan in kwantu hem vacuum assolut ta' provi ammissbi li abbażi tagħhom jistgħu jiġu sorretti l-elementi kosituttivi tar-raba' imputazzjoni.

- Illi qabel kollox teħtieġ tiġi eċċepita l-inamissibilita' ta' dak kollu allegatament dikjarat mir-rikorrent u riprodott fl-affidavit ta' PC 1553. Huwa paċifiku fl-ordinament ġuridiku Malti lil persuna suspettata ta' reat kriminali tgawdi minn diversi drittijiet fil-Liġi. Fost dawn id-drittijiet fundamentali, qabel tiġi mitkelma mill-Pulizija, persuna għanda dritt tiġi mgħarrfa li tista' tikkonsulta ma' avukat, tista' tibqa siketa u li dak kollu li ser tgħid jista' jinġieb bi prova kontra tagħha l-Qorti. Id-direttiva tal-Ewropa 2013/48 tipprovdi illi dawn id-drittijiet japplikaw għall- reati bħall dawk mixli bihom ir-rikorrent, kwindi reati li *għalihom tista' tkun imposta ċ-ċaħda tal-liberta' bħala sanzjoni.* Preamboli 17 tad-Direttiva jipprovdi testwalment:

  *(17) F'xi Stati Membri ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri fir-rigward ta'regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l'awtoritajiet kompetenti jkunu meġħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi fir-rigward ta' reati minuri li ma tistax tkun imposta*

*ċ-ċaħda tal-liberta' bħala sanzjoni, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għall-proċedimenti quddiem Qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali.*

Preambola 21 tkompli tipprovdi :

*(21) Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisp-rudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita' għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorita' oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn,matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih. Madankollu, għandu jkun possibli li l-interrogazzjoni tikkompla jekk il-persuna kkonċernata tkun ġiet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet stipulate f'din id-Direttiva.*

- Illi l-użu ta' dikjarazzjoni awtoinkriminatorji fi-proċeduri kriminali, multo magis meta d-dikjarazzjoni tifforma l-qofol tal-każ tal-prosekuzzjoni, ġie dikjarat leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Fir-rigward jiġu ċitati żewġ kawżi tal-Qorti Kostituzzjonali;

<u>I</u>

<u>l-Pulizija v. Mark Lombardi</u> (12 ta' April 2011):

*Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hem dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-Pulizija, sakemm ma jiġix pruvat li hem reġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett. Id-dritt għal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eċċezzjoni.*

*Izda anke jekk ikun hem raġunijiet impellanti għal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raġuni, dawn ir-restrizzjonijiet ukolll m'għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet tal-akkużat taħt l-Artikolu 6.*

*Dan id-dritt tal-akkużat ikun irrimedjabbilment preġudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni magħmula meta ma jkunx assistiti minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu.*

*Ir-raġuni tal-inistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt għall-asistenza legali fi stadju inizjali tal-investigazzjoni hija minħabba l-prinċipju li ħadd m'għandu jinkrimina ruħu… kif ukoll biex jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-akkużat u dawk tal-prosekuzzjoni.*

*L-argument li altrimenti jkun diffiċli li l-pulizija tottjeni 'conviction' mhux fattur li għandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanċ. Il-Pulizija għandha ssib il-mezzi biex issolvi l-każijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai faċli ta' ammissjoni minn persuna investigate mingħajr l-assistenza ta' avukat.*

<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri</u> (12 ta' Novembru 2012):

*Fil-każ tal-lum ma hem l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Hemm pero' l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma ngħatax il-liberta fl-għażla jekk iweġibx jew le u b'hekk kien privat minn garanzija kontra kull preġudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni.*

- Illi d-Direttiva Ewropea, l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali u l-artikoli 355AUA U 366E tal-Kodiċi Kriminali, kienu –u għadhom- viċenti nhar id-data tal-inċident. Di piu, ma kien hemm ebda impediment jew raġunijiet impellenti sabiex dawn id-drittijiet ma jiġux amministrali lir-rikorrent waqt li kien qiegħed jiġi mitkellem minn PC 1553. Għaldaqstant, huwa umilment sottomess illi l-kontenut tal-affidavit ta' PC 1553, sa fejn jikkonċerna dikjarazzjoni tar-rikorrent mingħajr id-drittijiet skond il-Liġi, għandhom jiġu skartali.

- Illi premess is-suespost, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova amissibbli sabiex tipprova li r-rikorrent kien qiegħed isuq il-vettura BCC 903 fid-data, ħin u lok postulate fiċ-ċitazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali prova, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħat qatt legalment u raġjonevolment issib lir-rikorrent hati tar-raba' imputazzjoni.

- Illi t-tieni aggravju huwa in kwantu il-piena imposta. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pessima ipotesi tal-fatti misjub ħati tagħhom huwa seqan ta' vettura mingħajr liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida. Bilkemm hemmgħalfejn jingħad illi l-piena ta' <u>**sena priġunerija effettiva**</u> u sena skawlifika minn li jżomm liċenzja tas-sewqan hija sproporzjonata kienet ilha skaduta biss <u>**sitt ijiem.**</u>

- Illi qabel jgħaddi għas-sottomissjonijiet dwar il-proporzjonalita tal-piena, għandu jiġi rilevat illi l-piena imposta ma hijiex dik preskritta mill-Liġi. Il-Pulizija xliet lir-rikorrent bir-reat ta' sewqan ta' vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq. Dan ir-reat jitnissel minn artikolu 44(7)(a) tal=L.S 368.02 Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-mutur. L-artikoli ċitat jipprovdi:

*Il-piena għal kontravenzjonijiet oħra taħt dawn ir-regolamenti jkunu dawn li ġejjien :*

(a) *Sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha liċenzja valida mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliett xhu*r.

- Huwa ghalhekk evidenti li l-piena ta' sena priġunerija effetiva u sena skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan teżorbita l-piena preskritta bil-Liġi. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-parti dispozittiva tas-sentenza ma' tagħmel assolutament ebda referenza għall-liema artikolu tal-Liġi abbażi tiegħu qed tinstab ħtija għar-raba' imputazzjoni.

- Illi għalkemm għar-rikorrent huwa ċar Kristal li huwa ġie mixli taħt id-disposizzjonijiet tal-L.S 368.02 (l-att huwa *lex specialis* u jirregola propju liċenzji taċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi dwar liema liċenzja jirreleta l-affidavit tar-rappreżentat tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta), jekk jeżisti dubbju dwar il-piena applikabbli, din dejjem għanda tkun dik l-iktar favorevoli għall-imputat.

L-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali inkofutabbilment jipprovvdi li l-piena applikabbli f'każ ta' diskrepanza bejn żewġ disposizzjonijiet legali għandha tkun dik l-inqas gravi.

- Illi fir-rigward tal-proporzjonalita tal-piena jingħad li piena kriminali neċessarjament taħtieġ tkun tirrifletti raġuni jew skop. Illi skond ġurisprudenza kostanti, il-piena m'għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bl-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma ta' l-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minacca għas-soċjeta' dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi , fil-każ ta' reat gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.

- Kif ġia ngħad ir-reat li ġie imputat bih ir-rikorrent huwa dak li hu, ossia s-sewqan ta' vettura bil-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tal-vettura skaduta. Dan huwa reat solitament sanzjonat permezz ta' proċeduri amministrattivi. Il-serjeta' tar-reat jiehu xejra oħra meta l-liċenzja kienet ilha skaduta biss <u>sitt ijiem</u>. Dan ċertament ma irendix ir-rikorrent minaccja għas-soċjeta' jew jikkostitwixxi għemil li għalih jeħtieġ *jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali.* L-anqas jikkostitwixxi indikazzjoni li r-rikorrent huwa ta' perikolu fit-toroq Maltin. Nonostante, ir-rikorrent ġie inkarċerat għall-<u>sena</u> u skwalifikat minn li jżomm liċnezja tassewqan għall-sena oħra.

Rat l-atti tal-kawża u cioe li fil-proċess hemm żewġ appelli wieħed tal-appellant Karl Vella Petroni u l-ieħor tal-Avukat Ġenerali, iżda din is-sentenza ser tingħata dwar ir-rikors tal-appell ta' Karl Vella Petroni.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju imsemmi fir-rikors tal-appell tal-appellant Karl Vella Petroni *si tratta* fuq il-fatt li allegatament l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta hija sabet ħtija fir-rigward r-raba' imputazzjoni u dan għaliex fil-fehma tiegħu hemm vacumm assolut ta' provi ammissibli li abbażi tagħhom jistgħu jiġu sorretti l-elementi kostituttivi ta-raba' imputazzjoni.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] al-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

---

ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[3].

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju

Il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti teżamina il-proċess u tara x'inhuma l-provi li resqet il-prosekuzzjoni sabiex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tittratta l-aggravji sollevati mir-rikorrenti fir-rikors tal-appell tiegħu.

Rat l-affidavit ta' **PC 788 K Xerri** esebit fl-atti a fol. 13 fejn jirriżulta li nhar is-6 ta' Marzu 2019 għall-ħabta ta' 22.39p.m fuq struzzjonijiet tas-surġent tal-Qawra mar ġewwa l-isptar Mater Dei fejn informa lil Karl Vella Petroni illi kien hemm bżonn li jittieħed kampjun tan-nifs tiegħu u wara għarfu jekk hux dispost li jaffettwa dan it-test tan-nifs. Vella Petroni aċċetta li jagħti kampjun tan-nifs tiegħu fejn irriżulta li fit-22.39 huwa kellu 0.34 mg/ml. Liema riżultat ġie iffirmat minnu stess fuq il-post jiġifieri ġewwa l-isptar Mater Deii u ġie mgħoddi lil WPS 264 sabiex jiġi anness mar-rapport.

Rat l-affidavit ta' **PC 1553** esebit fl-atti a fol. 15 tal-proċess minn fejn jirriżulta li nhar is-6 ta' Marzu, 2019 għall-ħabta tas-19.00 p.m irċevew telefonata mingħand il-*control room* li seħħet ħabta ħdejn ir-roundabaout ta' Selmun Mellieħa u hemm xi nies feruti. Huwa rrikorra fuq il-post fejn ra żewġ karozzi fuq ir-roundabout ta' Selmun.

Hemmhekk huwa tkellem ma' ċertu Karl Vella Petroni u dan stqarr li hu kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC 903 u kien ġej minn Triq Louis Wettinger, Mellieħa fejn il-vettura tal-għamla BMW numru ta' reġistrazzjoni BBZ 493 misjuqa minn Michelle Laferla kienet qed issuq ma' ġenbu u ħabtu mera ma' mera. Kompla jistqar li nħasad u b'hekk kiser lejn il-lemin direzzjoni lejn ic-*central strip* u qabad ic-*central strip* imbagħad kompla jistqarr li ma jafx x'ġara aktar.

Jgħid li Karl stqarr ukoll li hu flimkien mal-passiġiera tiegħu Sandra Paulus kif ukoll Michelle Laferla kienu qedin jixorbu. Vella Petroni ittieħed ġewwa l-isptar Mater Dei u ġie ċċertifikat li qed ibati minn ġrieħi ta' natura gravi. X'ħin raw il-vettura bin-numru BCC 903 tal-għamla BMW fuq l-NPS setgħa ġie innutat li l-vettura kellha l-liċenzja skaduta.

---

1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Minn hemmhekk ha l-verzjoni ta' Michelle Laferla ix-xuffiera tal-vettura tat-tip BMW numru ta' reġistrazzjoni BBZ 493 fejn din stqarret li kienet qed issuq ġejja min Tirq Louis Wettinger, Mellieħa li kienet qiegħda ma ġenb il-vettura tal-għamla BMW numru BCC 903 misjuqa minn Karl Vella Vella Petroni fejn f'daqqa waħda ratu ġej fuqha mbagħad kompliet tistqarr li ma tafx kif spiċċat fuq r-*roundabout.*

X'ħin kienet qeda tati l-versjoni tagħha setgħa ixomm riħa qawwija ta' alcohol ħierġa minn ġo ħalq Michelle Laferla b'hekk huwa eskortaha ġewwa l-għassa ta' Ħal Qormi fejn hemmhekk staqsiha jekk riditx tagħmel il-*breathylizer test* jew le. Hi aċċetat li tagħmel it-test fejn dan it-test irriżulta 055.6 mg/100ml. Michelle ġiet infurmata li kienu ser jiinħarġu akkużi fil-konfront tagħha.

**Edgar Borg** li huwa spettur mal-kumpanija ELC ġab stima tal-ħsarat li jammontaw għal €846.86 (vide dok esebita a fol. 21). Waqt li kienu fuq il-post innota li kien hemm arblu fic-*central strip* ta' Triq Louis Wettinger Mellieħa li ġarrab ħsarat estensivi. Dan l-arblu ma kellux numru fuqu.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Luju 2022 dehret Michelle Laferla u ddikajrat li ma kienitx ser tixhed biex ma tinkriminax ruħha.

Rat li l-Qorti ċaħdet lil Sandra Paulus milli tiċħed stante li din kienet qed titkellem mal-imputat.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 allegatament ġie esebit ċertifikat mediku pero dan ma instabx fl-atti tal-proċess pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Cachia** esebit fl-atti a fol 30 u markat bhala dok B u minn esami ta' l-istess jirriżulta li minn indaġini li għamel fir-rekords tal-Awtorita rriżulta illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC 903 tal-marka BMW ta' kulur abjad hija reġistrata fuq Odelle Ellul Sullivan u ilha hekk reġistrata sa mill-11 ta' Mejju 2016. Stqar ukoll li l-liċenzja tal-imsemmija vettura skadiet fit-28 ta' Frar, 2019.

Rat ix-xhieda ta' **Norman Mifsud** mogħtija nhar id-29 ta' Marzu 2023 (fol. 34) u dan fil-kapaċita tiegħu ta' manager ma' ELC u dan esebixxa stima tal-ħsara li saret fir-

*roundabout* tal-Mellieħa. L-istima hija datata 13 ta' Marzu, 2019 dwar inċident li seħħ nhar is-6 ta' Marzu, 2019. Il-valur tal-ħsara hu ta' €846.86 u l-istima ġiet mmarkata bħala Dok NM.[4]

Illi għalhekk huwa minnu dak li stqarret id-difiża li f'dan il-każ ma tressaq l-ebda xhud okulari biex jispjega kif seħħ l-inċident. Dwar l-allegat dinamika tal-inċident xehed PC 1153 fejn tal-versjonijiet mogħtija lilu minn l-imputat appellant u Michelle Laferla u dan mingħajr ma ngħata lilhom id-dritt tagħhom li jikkonsultaw ma' Avukat, mingħajr ma' ingħataw id-dritt tas-silenzju u mingħajr ma ġew infurmati li ċ-ċaħda ta' tehid tal-breathylser jammonta għar-reat. Illi minn esami ta' dak li intqal ma jirriżultax li PC 1153 f'xi ħin ta d-drittijiet li kien intitolat għalihom l-imputat u dan meta allegatament mar ikellmu l-isptar Mater Dei u lanqas ma jirriżulta b'żieda ukoll li f'xi ħin informa lill-appellant li huwa kien qed jiġi investigat fuq reat.

Dan kollu jmur kontra dak dispost fid-Direttiva tal-EU 2103/48 kif trasposta fil-liġi domestika tagħna bl-att LI tal-2016. Illi l-artikolu 355AUA tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti: -

> *355AUA. (1) The suspect or accused person shall have the right of access to a lawyer in a timely manner and in such a way as to enable it to exercise defence rights practically and effectively. (2) The suspect or accused person shall have access to/for a lawyer without any delay. In any eventuality, the-suspect or accused person must access a lawyer from the moment the first of these events occurs:(a) before being questioned by the Executive Police or by another law enforcement*

[4] Fol. 38 tal-atti tal-process

*authority or any authority judicial role as regards the commission of a crime.*

*(b) ommisses*

*(c) ommisses*

Illi kif diversi drabi affermat mill-Qrati nostrana fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibbiltà ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova.

Illi l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza '**Il-Pulizija vs Moumen Troure'**deċiża nhar is-27 t'Ottubru 2016, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> *"Issa meta il-Qorti tqis illi prova hija inammissibbli u għalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi dispożizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'ċirkospezzjoni kbira sabiex tqis jekk il-prova li l-akkużat qed ifittex li jxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-liġi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbiltà tagħha."*

Illi l-appell tal-appellant huwa bbażat fuq is-sejba ta' ħtija tar-raba akkuża fejn ġie kkundannat sena priġunerija u għalhekk dak kollu li r-rikorrenti appellant stqarr fir-rikors tal-appell tieghu huwa indirizzat lil din l-unika akkuża. L-appellant isostni li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar il-fatt li l-appellant kien qed isuq il-vettura u dan għaliex ma kien hemm l-ebda xhud okulari li ra l-inċident iseħħ u għalhekk dak kollu li stqarr lill-uffiċjali tal-pulizija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni ma hux ammissibli bħala prova u dan għaliex l-appellant ma ingħatax id-drittijet legal tiegħu qabel ma beda jiġi mitkellem minkejja li l-pulizija kellha suspett li l-appellant seta kien involut fl-inċident mertu tal-kawża odjerna. Illi l-użu ta' dikjarazzjoni

awtoinkriminatorji fi-proċeduri kriminali, *multo magis* meta d-dikjarazzjoni tifforma l-qofol tal-każ tal-prosekuzzjoni, ġie dikjarat leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk tali xhieda verbali allegatament mogħtija mill-appellant ser tiġi skartata u dikjarata mhux prova ammissibli.

Għal dan il-għan din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minnha stess fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claude Formosa** deċiża fit-23 ta' Lulju 2019 u dik mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Grech Marguerat** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017.

Illi sabiex tissusisti din ir-raba' akkuża l-prosekuzzjoni kellha tipprova fl-ewwel lok li kien l-appellant u ħadd iktar jew inqas mill-appellant li saq il-vettura tal-għamla BMW numru ta' reġistrazzjoni BCC 903 nhar is-6 ta' Marzu, 2019 ġewwa Triq Louis Wetinger Mellieħa għall-ħabta tas-19.00 p.m u wara irid jiġi provat dejjem mill-prosekuzzjoni li din il-vettura ma kinitx liċenzjata mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta. Illi dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi. Għalhekk minkejja li l-prosekuzzjoni pprovat li l-vettura BMW numru ta' reġistrazzjoni BCC 903 reġistrata fuq Odelle Ellul Sullivan kellha l-liċenzja skaduta l-prosekuzzjoni ma pprovatx li kien l-appellant li kien qed isuq l-istess vettura.

Minħabba fil-premess din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol u titratta l-aggravji l-oħra sollevati mill-appellant u tiddikjara li qeda tilqa l-appell tiegħu billi qeda tikkonferma dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames akkuża u tirrevokaha f'din il-parti fejn sabet lill-appellanti ħati tar-raba akkuża u għalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imħallef